**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Dicembru 2024**

**Rikors Numru: 26/2022 MLF**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 67/2022 fl-ismijiet:**

**Damian Borg f'ismu propju u ezercenti l-kummerc bhala Valley Auto Dealers**

**vs**

**Clint Grech**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Clint Grech a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espona:

    1. Illi r-rikorrent xtara minghand l-intimat Mercedes M Class bil-pjanca ta' registrazzjoni DCJ723 bil-valur ta' wiehed u tletin elf euro (€31,000)

    2. Illi bhala depozitu ir-rikorrent kien ta lil intimat Nissan Navarro bil-pjanca ta' registrazzjoni bin-numru IBP919 li kien gie stmat bonarjament bejn il-partijiet fl-ammont ta' sitt elef euro (€6,000)

3. Illi ghalhekk kien ghad fadal bilanc favur l-intimat ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) li kellhom jithallsu bir-rata ta' elf euro (€1,000) fix-xahar

4. Illi dan kollu jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok.CG1 datat 15 ta' Dicembru 2018

5. Illi r-rikorrent ghandu fil-pussess tieghu hamsa u ghoxrin (25) kambjala ta' elf euro-il wahda. Konsegwentament, kull ammont dovut lill-intimat skond id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok CG1 huwa mhallas u huwa ma fadallu xejn aktar x' jaghti lil intimat.

6. Illi huwa kien sorpriz meta rcieva l-ittra ufficjal numru 67/2022 fl-ismijiet hawn fuq premessi u ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Jannar 2022 fejn gie mitlub mil-intimat sabiex ihallas is-somma ulterjuri ta' sitt elef Euro (€6,000) flimkien mal-imghaxijiet legali meta huwa kien hallas l-ammont kollu ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000) bonarjament pattwit bejn il-partijiet ghax-xiri ta' Mercedes M Class

7. Illi safejn jista jifhem ir-rikorrenti, flok gew iffirmati hamsa u ghoxrin (25) kambjala ta' elf euro (€1,000) kull kambjala, gew iffirmati wiehed u tletin (31) kambjala ta' elf euro (€1,000) kull kambjala. Dan ifisser li l-intimat qieghed jitlob li jithallas is-sitt (6) kambjali zejda fl-ammont ta' sitt elef euro (€6,000) u li gew iffirmati mir-rikorrent meta l-intimat ma ghandux il-jedd li jircievi tali hlas l-ghaliex l-ammont bonarjament mifthiem ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) gie mhallas fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent filwaqt li qieghed jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali kollha msemmija u annessi mal-ittra ufficjali numru 67/2022 fl-ismijiet fuq premessi, jitlob bir-rispett li l-Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali kollha msemmija u dan in vista tar-ragunijet gravi u validi mressqa fir-rikors odjern. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

2. Rat ir-risposta ta' Damian Borg f'ismu propju u ezercenti l-kummerc bhala Valley Auto Dealers fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament jigi mfakkar illi appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc' ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti. Ghal din ir-raguni kwalsiasi konsiderazzjoni fil-mertu tal-qbil ta' bejn il-partijiet hija irrilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri.

2. Illi r-rikorrenti f'dawn il-proceduri mhux qed jghid illi l-kambjali li taghhom qed jintalab l-ezekuzzjoni huma mhallsa, imma li l-kambjali ohrajn li gew iffirmati fl-istess gurnata kienu gew imhallsa. Illi hu maqbul bejn il-partijiet illi l-hamsa u ghoxrin kambjala l-ohrjan gew imhallsa, u fil-fatt ritornati f'idejn ir-rikorrent, izda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li dakinhar ir-rikorrenti kien iffirma sitt kambjali ohra li dwarhom mhux qed jaghti l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex ghandha tigi sospiza l-ezekuzzjoni taghhom. F'azzjoni bhal din huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validata formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi – ragunijiet li ma jirrizultawx mir-rikors de quo

3. Illi dan maghdud u minghajr pregudizzju ghall-premess, bhal ma jirrizulta mill-iskrittura datata 15 ta' Dicembru 2018 li giet ezebita bhala Dok CG1 ma' dan ir-rikors, il-prezz pattwit bejn il-partijiet ghall-vettura in kwistjoni kien dak ta' €31,000. Dan il-prezz kellu jithallas billi jithalla l-vann tat-tip Nissan Navarro bin-numru ta' registrazzjoni JBP919, li gie stmat bejn il-partijiet li kellu l-valur ta' €6,000 u l-bilanc ta' €25,000 kellu jithallas permezz ta' 31 pagament mensili ta' €1,000. Gew iffirmati sitt kambjali ohra, li globalment kienu jammontaw ghal 31 kambjala, minhabba l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena li kien ser ikun dovut fuq dan il-bilanc ta' €25,000 sakemm dan jigi saldat fl-intier tieghu

4. Ghaldaqstant m'hemm l-ebda raguni ghaliex l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali ghandha tigi sospiza.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat ir-rikorrent naqas li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu preskritt, u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat.

**Il-Fatti**

5. Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti saljenti li taw lok ghal dan ir-rikors, li jistghu jigi sintetizzati hekk:

   i. B'kuntratt ta' hire purchase tal-15 ta' Dicembru 2018, ir-rikorrent xtara minghand l-intimat vettura tal-ghamla Mercedes ghal prezz ta' €31,000.

   ii. F'dan il-kuntratt jinghad li dan il-prezz kellu jithallas in parti permezz ta' vettura ta' l-ghamla Nissan li r-rikorrent ta lill-intimat ghal prezz bonarjmanet stmat ta' €6,000, u r-rimanenti bilanc ta' €25,000, kellu jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €1000 ghal 31 xahar. Fil-fatt ir-rikorrent iffirma 31 kambjala ta' €1000-il wahda.

   iii. Ir-rikorrent hallas hamsa u ghoxrin (25) kambjala, u irrifjuta li jhallas r-rimanenti sitt (6) kambjali, stante li qed jirritjeni li l-bilanc ta' €25,000 minnu dovut skond il-kuntratt gie debitament imhallas, u ma ghad fadallu jaghti xejn izjed lill-intimat.

   iv. Min-naha l-ohra l-intimat qed jesigi l-hlas tar-rimanenti sitt (6) kambjali, stante li hu qed jirritjeni li d-differenza ta' sitt elef Euro (€6,000) tirraprezenta l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena li kien ser ikun dovut fuq il-bilanc ta' €25,000, sakemm dan jigi saldat fl-intier tieghu.

   v. Ghaldaqstant, l-intimat intavola l-ittra ufficjali surriferita sabiex jirrendi r-rimanenti sitt (6) kambjali titolu ezekuttiv.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Fir-rikors promotur, ir-rikorrent qed jissottometti li hemm ragunijiet gravi u validi sabiex l-ezekuzzjoni tal-kambjali tigi sospiza ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-

Kodici ta' Procedura Civili. Ir-raguni gravi li qed iressaq ir-rikorrent hija l-ammont pretiz fir-rimanenti sitt (6) kambjali mhux dovut stante li huwa diga hallas il-bilanc dovut ta' €25,000, u ghalhekk ma fadallu xejn aktar x'jaghti lill-intimat.

7. L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija fis-sens li appena tigi mahruga kambjala, tigi krejata obbligazzjoni ad hoc, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghal din ir-raguni kwalsiasi konsiderazzjoni fil-mertu tal-qbil bejn il-partijiet hija irrilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri.

8. Il-Qorti tirrileva li jezistu fehmiet divergenti kemm fost l-awturi kif ukoll fil-gurisprudenza lokali dwar il-kwistjoni jekk l-awtonomija tat-titolu kambjarju jghoddx biss favur it-terz pussessur jew jekk dan jghoddx ukoll fil-kaz li t-traent u t-trattarju accettant ikunu l partijiet originali. Pero, din il-Qorti kif preseduta taqbel ma' dik il-gurisprudenza li hija fis-sens li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-obbligazzjoni (cioe ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Din hija wkoll il-posizzjoni li hadet il-Qorti tal-Appell fil-sentenza ricenti **Victor Fenech nomine vs Angelo Zahra** deciza fil-31 ta' Mejju 2023, fejn gie ritenut hekk:

*"19. Din il-Qorti lanqas taqbel mal-appellat nomine meta jingħad minnu li kambjala toħloq obbligazzjoni għal kollox indipendenti u separata minn kull obbligazzjoni oħra li setgħet tippreċediha, peress li kif ingħad mill Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tas-16 ta' Jannar, 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***John Giordmaina et v. Joseph Pace et*** *(ikkonfermata minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2006):*

*"Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali"*

9. Applikati l-istess prinċipji ghall-każ in eżami, hawn ukoll il-kambjala baqghet ma ġietx ġirata u għalhekk din il-Qorti ma tistax twarrabha ghal kollox mill-kuntest li fih inharġet.

10. In oltre, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, illum il-gurnata l-Artkolu 253(e) tal-Kodici ta' Procedura Civili irid jigi wkoll interpetat b'mod wiesgha fid-dawl tad-decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewrpeja tal-5 t'Ottubru 2023 fil-kaz **C-25/23** wara talba ghal decizjoni preliminari minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proceduri AL vs Princess Holdings Ltd precizament fuq dan is-subinciz. F'din id-decizjoni, il-Qorti ta' Gustizzja Ewropea irriteniet hekk:

*"Article 6(1) and Article 7(1) of Council Directive 93/13/EEC of 5 April 1993 on unfair terms in consumer contracts must be interpreted as precluding a provision of national law, as interpreted by the national courts, which provides that, in proceedings for the enforcement of bills of exchange, the court hearing an objection does not have jurisdiction to assess, of its own motion or at the request of the consumer concerned, the potentially unfair nature of the terms of the contract concluded by that consumer with a seller or supplier and constituting the basis for the issue of the bills of exchange whose enforceability is in dispute."*

11. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li hija ghandha tistharreg l-obbligazzjoni li tat lok ghal hrug tal-kambjali mertu ta' dawn il-proceduri sal-limiti li dan huwa legalment konsentit lilha f'dawn il-proceduri, li huma ta' natura specjali, u cioe kif gie diversi drabi ritenut fil-kazistika, sal-livell tal-prima facie.

12. Rigward il-meritu tar-rikors promotur, ir-rikorrent qieghed effettivament jallega li l-hlas tas-sitt (6) kambjali zejda fl-ammont ta' €6000 impost fuqu fil-kuntratt ta' hire purchase huwa ingust, stante li hu kien hallas il-bilanc dovut fuq il-vettura li giet mibjugha lilu mill-intimat, u l-kuntratt ma kienx jipprevedi l-hlas ta' imghax. Il-Qorti tosserva li huwa fatt li l-kuntratt imkien ma jikkontempla l-hlas ta' imghax fuq l-ammont bilancjali ta' €25,000. Dan il-fatt gie ammess mill-intimat waqt il-kontro-ezami tieghu, pero hu baqa' jinsisti li l-ftehim kien jinkludi l-hlas ta' imghax bit-tmienja fil-mija (8%) u li dawn l-imghaxijiet kienu mdahhlin fil-kambjali, u li kien ghalhekk li r-rikorrent kien iffirma 31 kambjala.[1]

[1] Ara fol. 30 tal-process.

13. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li jekk dak li qed jallega r-rikorrent huwa verament minnu, dan ikun ifisser li l-imposizzjoni tal-hlas ta' dawn is-sitt kambjali zejda hija klawsola ingusta, u din tikkostitwixxi raguni gravi u valida bizzejjed li timmerita studju iktar approfondit fi proceduri separati, u certament mhux f'dawn il-proceduri.

14. In oltre, *dato ma non concesso* li skond il-ftehim r-rikorrent kellu jhallas l-imghax bir-rata stabbilita fil-ligi, minn semplici kalkolu matematiku imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont ta' €25,000 iwassal ghall-ammont ta' elfejn Euro (€2000) fis-sena jew mija u sitta u sittin Euro u sebgha u sittin centezmu (€166.67) fix-xahar. Fuq medda ta' hamsa u ghoxrin (25) xahar, dan ikun ifisser li ir-rikorrent kellu jhallas is-somma ta' erbat elef u sitta u sittin Euro u sebgha u sittin centezmu (€4,166.67) (€166.67 x 25 xahar). Dan l-ammont huwa ferm anqas mill-ammont ta' €6000 imghax pretiz mill-intimat.

15. Pero kif sewwa qal ir-rikorrent fl-affidavit tieghu l-anqas dan l-ammont ta' €4,1667.67 bhala imghax ma jista' jkun dovut fil-kaz odjern, stante li r-rikorrent kien qieghed ihallas lill-intimat €1000 fix-xahar, u allura l-imghax bil-fors riedu jigu ikkalkolati *a scaletta*, stante li l-intimat ma jistghax jippretendi l-hlas ta' imghax fuq ammonti diga imhallsa mir-rikorrent.

16. Il-Qorti tosserva li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat jaghti verzjoni differenti minn dik li ta fix-xhieda tieghu ghaliex l-imghax dovut kien ta' €6000. Skond l-intimat, il-partijiet ftiehmu li l-hlasijiet isiru fuq medda ta' 31 xahar, u ghalhekk jekk wiehed jiehu l-ammont ta' imghax fix-xahar ammontanti ghal €166.67 u jimmoltiplikah ghal 31 xhar, l-ammont ta' imghax dovut mir-rikorrent kien ta' €5,166.67 (€25,000 x 8% x 31). Skond l-intimat ma' dan l-ammont ried jizdied ammont ta' imghax ulterjuri fuq l-ahhar sitt (6) kambjali sabiex ikopri il-perjodu bejn il-15 ta' Lulju 2021 – id-data li fiha r-rikorrent kellu jhallas l-ammont intier tas-sorte u imghax, u cioe l-ammont ta' €30,166.67 (€25,000 + €5,166.67) – u t-12 ta' Jannar 2022 - id-data li fiha l-intimat baghat l-ittra ufficjali sabiex jezegixxi r-rimanenti sitt kambjali. Ghaldaqstant, l-intimat jissottometti li l-ammont komplessiv dovut mir-rikorrent fit-12 ta' Jannar 2022, kien ta' €6,166.67, liema ammont effettivament jezorbita l-valur tas-sitt (6) kambjali li qed jintalab l-ezekuzzjoni taghhom.

17. Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti minn dawn il-kalkoli – billi l-intimat ma spjegax kif wasal ghall-ammont ta' €6,166.79 – jidher li l-intimat kompla jikkalkokula imghax ta' €166.67 fix-xahar ghal sitt (6) xhur ohra (bejn il-15 ta' Lulju 2021 u it-12 ta' Jannar 2022) li jammonta ghal €1,000.02, u mbaghad zied maghhom l-ammont ta' €5,166.77, li skont hu kien l-ammont ta' imghax originarjament dovut mir-rikorrent.

18. Din il-Qorti hija pjuttost perplessa b'din il-komputazzjoni. Fl-ewwel lok jidher li l-intimat donnu nesa li skond il-ligi, huwa ma jistghax jesigi hlas ta' imghax fuq ammonti gia imhallsa, u ghalhekk ma setghax ikun hemm imghax fiss ta' €166.67 fix-xahar. Fit-tieni lok, l-intimat donnu qed jippretendi li din il-Qorti temmen li hu ghandu poteri li jhabbar il-futur, ghax fil-15 ta' Dicembru 2018, id-data tal-kuntratt ta' hire purchase, kien diga jaf li r-rikorrent ma kienx ser ihallsu l-ahhar sitt kambjali, u ghalhekk ikkalkula bil-quddiem l-imghax dovut ghal perjodu li jibda minn meta r-rikorrenti kellu jhallas l-ahhar kambjala u jispicca fid-data li fiha hu, cioe l-intimat, kien ser jintavola ittra ufficjali, sabiex seta' jinkludi imghax ulterjuri fl-ammont ta' €1,000.02 fil-kambjali. Il-Qorti tippreferi li tieqaf hawn, u ma tikkummentax izjed.

19. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi koncess li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet ghall-hlas ta' imghax – kwistjoni li din il-Qorti qed thalli impregudikata, fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta *prima facie* li dawn is-sitt kambjali zejda u mertu ta' din il-procedura kienu possibilment strategemma sabiex jigi imhallas imghax bl-uzura.

20. Fi proceduri bhal dawk odjerni taht l-Artikolu 253(e) tal-Kodici ta' Procedura Civili, il-Qrati taghna dejjem irritenu li jekk jirrizulta *prima facie* li l-kambjala tkun imcappsa bl-uzura, ikun hemm raguni valida u gravi bizzejjed sabiex timmerita s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni taghha.[2] Dan ghaliex il-materja ta' uzura hija wahda ta' ordni pubbliku li ma tistax tigi injorata mill-Qorti.

21. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-kwistjoni dwar jekk il-kuntratt li minnu twieldu dawn is-sitt kambjali kienx effettivament jikkontempla l-hlas ta' imghax, u b'mod sussidjarju l-kwistjoni dwar jekk dawn is-sitt kambjali hux imcappsa bl-uzura ghandhom jigu mistharrga ulterjorment fi proceduri ad hoc skont il-ligi. Ghaldaqstant,

---

[2] Ara s-sentenzi **Victor Fenech nomine vs Angelo Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2023 u **Catherine Farrugia vs Marcus Lauri** deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (*per* Imhallef Toni Abela) fil-31 ta' Jannar 2018.

dawn l-istess zewg kwistjonijiet jikkostitwixxu ragunijiet gravi u validi bizzejjed sabiex jiggustifikaw is-sospensjoni tal-istess kambjali.

**Konkluzjoni**

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali imsemmija fl-atti tal-ittra ufficjali numru 67/2022 fl-ismijiet premessi ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' din il-procedura jigu subiti mill-intimat.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**